# Il-Gidi u l-Lupu.

Ġewwa bûr f'beraħ ħdejn wileġ,
gidi lemaħ ħiereġ dîb
m'nn għerq il-ħajt, sejjer għal fuqu,
u kien għoddu wasal qrib

biex jibilgħu. Qallu l-gidi:
—ġejt biex fik issirli d-difna...
iżda qabel, doqqli daqqa
tridx?... u jiena niżfen żifna.—

Rama jdoqq u l-gidi jiżfen,
resqu l-klieb għad-daqq tad-dbiba....
qabdu fiha!—Għamilthielek!—
qallu l-gidi—bhima rgħiba!!

—Ħaqqni! Jien biċċier u għamiltha
ta' daqqaq! u b'dawż-żewġ snajja'
int insobtli l-mewt! u b'mewti
ħlist il-mewt u rbaħt il-ħajja!—

"X'ħin tiġik ix-xoqqa f'moxtha,
miedda w togħma nseġ malajr.
Issa, tiegħek. Għada msiefer.
Jiġri ż-żmien... jisboq lit-tajr.

R. M. B.

15—2—1938